# TEATRU MANOEL

1732

1283

Koperatturi u l-Istitut Kattoliku

jippreżentaw

# THERESE RAQUIN

ta'

**Thomas Job**

mir-rumanz ta'

**Emile Zola**

maqlub għall-Malti minn

**Alfred Mallia**

**Teatru Manoel**

**8 u 9 ta' Ottubru 1988**

# EMILE ZOLA

Emile Zola twieled f'Pariġi fit-2 ta' April 1840. Fl-1843 il-familja Zola marret toqgħod f'Aix-en-Provence fejn Emile għamel ħbieb ma' Paul Cezanne. Emile mar lura Pariġi fi Frar tal-1858. Missieru, li miet fl-1847, kien arkitett Taljan jaħdem fi Franza. Għadaqstant, Emile Zola kien Taljan; huwa biddel iċ-ċittadinanza fl-1862. Ommu, li kienet Franċiża u li mingħandha wiret ħafna mix-xejriet newrotiċi tiegħu, mietet fl-1880.

L-ewwel snin ta' ħajtu Zola għaddihom f'faqar kbir. Sal-1865 kien jikteb għall-gazzetti, imma sentejn wara bir-rumanz **Therese Raquin** irnexxielu jikseb ċerta popolarita'.

Zola huwa l-aktar magħruf għax-xogħol kbir tiegħu **Les Rougon-Macquart,** serje ta' għoxrin rumanz bl-istorja soċjali ta' familja sħiħa fiż-żmien tat-Tieni Imperu (1852-1870), u għall-impenn eżemplari tiegħu fl-"iskandlu Dreyfus" — il-każ tal-fizzjal Lhudi Alfred Dreyfus li ġie mixli bla ħtija bi sprunaġġ favur il-Ġermanja, degradat u eżiljat għal għomru. Zola u ħadem ħafna biex jinbidel il-verdett kontra Dreyfus u fl-1898 kiteb **J'Accuse,** attakk aħrax fuq il-korruzzjoni fl-armata. Ġie mressaq il-qorti u kkundannat għall-ħabs, imma rnexxielu jaħrab lejn l-Ingilterra. Reġa lura f'pajjiżu wara li Dreyfus instab innoċenti fit-tieni proċess li sarlu. Miet fl-appartament tiegħu f'Pariġi f'Settembru tal-1902; is-sajf ta' qabel xi ħaddiema kienu ħallew iċ-ċumnija mblukkata wara li sewwewha u l-foga ħalliet lil Zola mejjet.

# MID-DAĦLA GĦAT-TIENI EDIZZJONI TA' THERESE RAQUIN

Il-kritiċi laqgħu dan il-ktieb biċ-ċiera w għamlu plejtu sħiħ. Ċerti nies mimlija virtù, f'gazzetti mhux anqas mimlija virtù, qarrsu wiċċhom hekk kif bit-tnalja qabdu dal-ktieb ħalli jitfgħuh fin-nar. Anke dawk il-kritiċi letterarji żgħar żgħar li jħobbu jpaċpċu fis-salotti għalqu mnifsejhom u gergru fuq ħmieġ u riħa tinten. Miniex nilmenta għax kelli din ix-xorti ta' laqgħa: għal kuntrarju nħossni eżaltat meta nosserva li l-kollegi tiegħi tant huma sensittivi. Minn naħa l-oħra, xejn ma jdejjaqni aktar milli nisma nies ta' siwi jgħajtu dwar immoralità meta naf sew li qed jagħmlu plejtu sħiħ minngħajr ma jafu sew għaliex. Allura, nħossni obbligat li nintroduċi xogħoli lil dawn il-kritiċi.

F'Therese Raquin ridt nistudja temperamenti u mhux karattri. Dan hu l-iskop kollu tal-ktieb. Għażilt nies dominati mid-demm, mingħajr ħjiel ta' rieda, li jiġu mġiegħla jaġixxu mill-liġijiet inezorabbli tan-natura fiżika tagħhom. Therese u Laurent huma annimali umani u xejn iżjed. Ridt nara kif taħdem il-passjoni fihom, kif l-istinti jimbuttawhom u kif moħħom jinfixel b'riżultat ta' kriżi. L-avventuri sesswali tagħhom huma twettieq ta' ħtieġa fihom; dak li jwettqu hu l-konsegwenza ta' adulterju bl-istess mod li l-ilpup jaċċettaw it-tbiċċir tan-nagħaġ. U dak li kelli nsejjaħ rimors mhux xejn għajr difett organiku sempliċi, rejazzjoni tas-sistema nervuż taħt pressjoni kbira.

Nassigurakom li r-relazzjoni sesswali feroċi bejn Therese u Laurent ma kienet xejn immorali għalija; ma kelli l-ebda skop li nħajjar lil xi ħadd biex jogħdos fl-ilmijiet tal-passjoni.

Min naħa tal-kritiċi għal anqas stennejt vuċi waħda li tgħid: "Le, il-kittieb huwa sempliċiment analista li daħal fil-fond fl-istudju tal-korruzzjoni umana u ħadem bħal ma jagħmel kirurgu fis-sala tal-operazzjonijiet".

**EMILE ZOLA**
(1868)

# NOTA TAD-DIRETTUR



Itambar kemm itambar Zola, f'*Therese Raquin* ma niltaqgħux ma' karattri neqsin mir-rieda bħalli kieku lesti għal taħt ix-xafra kiesħa ta' xi awtopsja. Id-demm ibaqbaq, in-nar jislet dell id-dnub mill-ħitan qodma tal-kamra ta' fuq fil-'Passage du Pont-Neuf', iż-żwiemel li jġibu lura l-għarajjes iħabbtu n-nagħal fuq iċ-ċagħaq umdu tal-isqaq u ċ-ċekċik tad-dominò jirfed id il-vendetta.

Is-seher ta' Zola jinstab fit-tħaddim għaqli ta' l-aktar prinċipji bażiċi ta' l-Arti: dak li jsostni li għandek turi billi tostor. Il-kittieb naturalista Franċiż jaqbad rokna mwarba ta' Pariġi, iħawwel fiha erba' persunaġġi u bl-anqas 'azzjoni' possibbli jagħraf isawwar ġnejna infernali fejn il-warda tal-passjoni titfa' għeruq velenużi, bħal budebbus fis-sinsla morali umana. U biex nibqgħu ma' l-istess xebħ, Zola jagħmel dan mingħajr ma jneħħi l-ġlekk.

Il-poeżija makabra u sewda li tixref minn taħt ix-xejra kważi xjentifika tar-rumanz ta' Zola tilħeġ bħal brimba kbira taħt id-dwal tat-teatru. Tintiseġ quddiemna għanqbuta li fiha jitħabblu l-protagonisti — il-ħjut tal-ġibda bla rażan jobormuhom lejn it-telfien. Iż-żiffa ħafifa w ħelwa tal-kuntatt uman tinbidel f'riħ ħażin li jgħabbi b'moffa ħadra kullma hu bnin. Il-bewsa bħal xafra taħraq trodd it-tosku.

Imma n-natura ssus wara l-ħatja u titlob ħaqq. "Uliedi qerdu 'l ibni" hija l-karba li tgħawwar qalb l-omm. 'L hemm mill-qabar, il-vittma torbot mażżra mal-għonq. It-telfien sħiħ jittawwal imbissem bħal rogħda li theżżeż sħaba sewda fil-ħarifa.

Mal-piena tissieħeb l-indiema. Il-maħfra tħott xogħol il-brimba fi dmugħ ta' xita friska. L-imħabba tagħder.

**CARMEL S. AQUILINA**

C. S. Aquilina

# THERESE RAQUIN

| | |
|---|---|
| Camille | **Alfred Mallia** |
| Mme. Raquin | **Josephine Mahoney** |
| Therese | **Monica Attard** |
| Laurent | **Manuel Cauchi** |
| Mme. Louise | **Anna Cachia** |
| M. Grivet | **Michael Tabone** |
| Spettur Michaud | **John Suda** |
| Suzanne | **Veronica Borg** |

L-azzjoni sseħħ f'kamra fuq ħanut tal-kpiepel fid-distrett Pont-Neuf f'Pariġi bejn l-1875 - l-1876

*L-Ewwel Att*
Xena 1 — Il-Ħamis fil-għaxija fir-rebbiegħa
Xena 2 — Il-Ħadd ta' wara fil-għaxija

*It-Tieni Att*
Xena 1 — Fil-għaxija. Xi sena wara
Xena 2 — Ftit xhur wara

Ħadd ma jista' jieħu ritratti waqt ir-rappreżentazzjoni

**Ikun hemm intervall ta' 20 minuta bejn l-ewwel u t-tieni att.**

| | |
|---|---|
| Direttur tal-Palk | **Chris Mifsud** |
| Props | **Silvana Sant' Angelo** |
| Kostumi | **Carmen Busuttil** |
| Disinn tas-Sett | **Raymond Ebejer** |
| Bini tas-Sett | **Chris Mifsud**<br>**Raymond Ebejer**<br>**Frans Mifsud**<br>**Emmanuel Dalli** |
| Disinn tal-poster | **Manuel Cauchi** |
| Irtokk | **Lina Galea Cumbo** |
| Audio | **John Bruno** |
| Dwal | **Vanni Laus** |
| Segretarji | **Tania Borg**<br>**Gwann Abela ofm** |
| Booking | **Michelle Muscat** |
| Ħajr | **N. Caruana Shops, Merchants Str., Valletta**<br>**Gingell Littlejohn, Antiquarians** |



**Monica Attard** — *Therese*



**Manuel Cauchi** - *Laurent*



**Josephine Mahoney** - *Mme. Raquin*



**Alfred Mallia** *Camille*



**John Suda** - *Michaud*



**Michael Tabone** - *Grivet*



**Veronica Borg** - *Suzanne*



**Anna Cachia** - *Mme. Louise*

## KOPERATTURI

KOPERATTURI bħala grupp teatrali twaqqaf minn Carmel Aquilina, Manuel Cauchi, Alfred Mallia, John Suda u Michael Tabone f'Ottubru tal-1984. L-għan tal-KOPERATTURI minn dejjem kien li jtella' xogħol validu teatrali fi produzzjonijiet artistiċi. B'kollaborazzjoni mal-Istitut Kattoliku, KOPERATTURI ppreżentaw diversi xogħolijiet fl-auditorium tal-Istitut Kattoliku. Fost dawn ta' min isemmi MAD-DAWL BAXX TAL-LAMPI (Gaslight) ta' Patrick Hamilton, NOE U L-ARKA ta' Andre Obey, HU PAĊENZJA (God's Favourite) ta' Neil Simon u LITTLE MALCOLM ta' David Halliwell. META ĦATFU 'L-PAPA ta' Joao Bethancourt il-KOPERATTURI ppreżentawha kemm fl-Istitut Kattoliku kif ukoll fit-Teatru Manoel. Aktar tard dan l-istaġun il-KOPERATTURI bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura se jippreżentaw fit-Teatru Manoel id-dramm klassiku Grieg EDIPU RE ta' Sofokle maqlub għall-Malti minn Dr. Oliver Friggieri.

The Manoel Theatre Management Committee wishes to thank the following concerns for their kind co-operation.

ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD
AUTO SALES LTD. (KIND'S)
CENTRAL CIGARETTE COMPANY LIMITED
EXPRESS TRAVEL LTD.
HILTON INTERNATIONAL — MALTA LTD.
HOLIDAY INN, TIGNE
MEDITERRANEAN INSURANCE BROKERS LIMITED
N.T.O.M. FLORIANA
PLUS ADVERTISING
SUNCREST, QAWRA